

Brussell, 19 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0325 (COD)

10341/17
ADD 1

CODEC 1064
RECH 238
MED 49
AGRI 334
MIGR 106

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-partekipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjoni |

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

dwar garanziji finanzjarji għall-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA

1. B'rabta mal-inizjattiva PRIMA, fl-Artikolu 58(1)(c)(vi) tiegħu, ir-Regolament Finanzjarju tal-UE jistipula li l-Kummissjoni tista' tħalli l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'idejn korp irregolat mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku (l-istruttura ta' implimentazzjoni). It-tali korp irid jipprovdi garanziji finanzjarji adegwati.
2. Sabiex titħares il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE, daww il-garanziji għandhom ikopru kull dejn li l-istruttura ta' implimentazzjoni jista' jkollha mal-Unjoni b'rabta mal-kompiti kollha ta' implimentazzjoni previsti fil-ftehim ta' delega. Is-soltu l-Kummissjoni tistenna li l-garanti jaċċettaw l-obbligazzjoni *in solidum* għad-djun tal-istruttura ta' implimentazzjoni.

3. Madankollu, abbażi ta' valutazzjoni ddetaljata tar-riskju, u b' mod partikulari jekk l-eżitu tal-valutazzjoni tal-pilastru *ex ante* mwettqa fuq l-istruttura ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju titqies li hija adegwata, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni li jkun qed jieħu ħsieb l-inizjattiva PRIMA se jipprevedi li:

- Il-garanziji finanzjarji li l-istruttura ta' implimentazzjoni tintalab tipprovdi jistgħu jkunu limitati għall-ammont massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità.
- Bl-istess mod, l-obbligazzjoni ta' kull garanti tista' tkun proporzjonata mas-sehem tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-inizjattiva PRIMA.

Il-garanti jistgħu jaqblu fuq il-modalitajiet li bihom se jkopru din l-obbligazzjoni fl-ittri rispettivi tagħhom ta' dikjarazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet.
